

Brussell, 24 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9264/18

JEUN 67
EDUC 202
SOC 302
EMPL 239

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 269 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas- Setgħa liż-żgħażaġħ: Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 269 final.

Mehmuż: COM(2018) 269 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2018
COM(2018) 269 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

***L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija tal-UE dwar iż-
Żgħażaġħ***

{SWD(2018) 168 final} - {SWD(2018) 169 final}

1. Lejn Strateġija ġdida tal-UE għaż-żgħażaġh

Iż-żgħażaġh huma ħerqana li jieħdu l-kontroll ta' ħajjithom u jitħalltu ma' u jappoġġjaw lill-oħrajn. Madankollu ħafna jiffaċċjaw inċertezzi dwar il-ġejjieni tagħhom, bħala riżultat tal-bidla teknoloġika, ix-xejriet demografiċi, id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni soċjali, l-aħbarijiet foloz u l-popoliżmu b'effetti li għadhom magħrufa fuq l-impjiegi, il-ħiliet jew il-mod kif jaħdmu d-demokraziji tagħna. Aktar minn qatt qabel, jeħtieġu li jkunu reżistenti u kapaċi jadattaw għal dawn l-isfidi. Huma għandhom jiksibu l-ħiliet meħtieġa biex jikkontribwixxu għal soċjetajiet prosperużi, demokratiċi u koeżivi fl-Ewropa u lil hinn minnha. Fid-dinja interkonnessa tal-lum, ħafna żgħażaġh jinsabu mħassba dwar kwistjonijiet globali bħat-tibdil fil-klima jew il-paċi u s-sigurtà.

Minkejja l-irkupru ekonomiku u l-qgħad aktar baxx, għadhom jeżistu inugwaljanzi bejn il-ġenerazzjonijiet. Għall-ewwel darba mit-Tieni Gwerra Dinjija, hemm riskju reali li l-ġenerazzjoni żagħżuġha tal-lum se tispiċċa inqas sinjura mill-ġenituri tagħhom¹. 29 % ta' dawk bejn id-29 u s-16-il sena jinsabu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u 11.6 % ta' dawk li għandhom bejn 15 u 24 sena huma barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs)², filwaqt li 15.9 % taż-żgħażaġh ta' din l-età huma qiegħda - jigiġferi d-doppju tar-rata tal-popolazzjoni ġenerali. L-esklużjoni soċjoekonomika u dik demokratika jmorru id f'id³. Iż-żgħażaġh li qed jitħabtu mal-iżvantaġġi ġeneralment ikunu ċittadini inqas attivi u jkollhom inqas fiduċja fl-istituzzjonijiet. Dawn ikunu wkoll jibbenefikaw inqas mill-esperjenzi ta' mobilità inkluż l-Erasmus+.

L-Ewropa ma tiflaħx għal talent moħli, esklużjoni soċjali jew diżimpenn fost iż-żgħażaġh tagħha. Iż-żgħażaġh m'għandhomx biss ikunu jistgħu jfasslu ħajjithom stess, iżda għandhom jikkontribwixxu wkoll għal bidla pożittiva fis-soċjetà. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà l-ġdid huwa xhieda tal-ħeġġa ta' ħafna żgħażaġh Ewropej li juru solidarjetà lejn in-nies u l-postijiet fil-bżonn, valur ċentrali li huwa l-bażi tal-kooperazzjoni Ewropea.

Fl-2016 il-Mexxejja tal-UE approvaw il-ħtieġa għal azzjoni b'appoġġ għaż-żgħażaġh⁴. Fil-pjan direzzjonali ta' Bratislava⁵, dawn impenjaw ruħhom li joħolqu opportunitajiet aħjar għaż-żgħażaġh, ambizzjonijiet li ġew segwiti minn dakinhar, pereżempju fil-ħidma lejn Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁶.

Sabiex iż-żgħażaġh jiksibu l-benefiċċji kollha tal-azzjonijiet tal-UE, dawn jeħtieġu jirriflettu fuq l-aspirazzjonijiet, il-kreattività u t-talenti tagħhom. Min-naħa tagħhom, iż-żgħażaġh jarrikkixxu l-ambizzjonijiet tal-UE: din il-ġenerazzjoni hija l-aktar waħda edukata minn kull żmien u fost l-aktar kreattiva fl-użu tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni u l-midja soċjali.

L-UE diġà bdiet kooperazzjoni ddedikata tal-Politika tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ ibbażata fuq il-prinċipji ta' parteċipazzjoni attiva u aċċess ugwali għall-opportunitajiet mill-2002, f'sinerġija ma' politiki oħra mmirati lejn iż-żgħażaġh, bħall-edukazzjoni u l-impjiegi. Il-kooperazzjoni wasslet għal bidliet politiċi u leġiżlattivi fl-Istati Membri u kkontribwiet għall-bini ta' kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. Iżda għad hemm sfidi importanti bħal pereżempju l-involvement ta' aktar żgħażaġh minn firxa aktar varjata ta' sfondi, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, u sensibilizzazzjoni aħjar fil-livell lokali.

Billi tinvolvi u tagħti s-setgħa lit-tfajliet u l-ġuvintur, il-politika dwar iż-żgħażaġh tista' tikkontribwixxi biex tilħaq b'suċċess il-viżjoni ta' kontinent fejn iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet u jirrelataw mal-valuri Ewropej, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it- "Tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura "⁷.

¹ White Paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, Marzu 2017.

² Eurostat, 2016.

³ Eurofound - taqsima dwar NEETs: <https://www.eurofound.europa.eu/topic/NEETs>.

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar li Ninvestu fiż-Żgħażaġħ tal-Ewropa (COM(2016)940).

⁵ <http://www.consilium.europa.eu/media/21250/160916-bratislava-declaration-and-roadmapen16.pdf>

⁶ https://ec.europa.eu/commission/news/towards-european-education-area-2025-2017-nov-14_en

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura

Kooperazzjoni mġedda bejn iż-żgħażaġh tal-UE tista' tgħin biex jingħeleb il-paradoss attwali ta' parteċipazzjoni. Iż-żgħażaġh li juru interess fil-politika⁸ u huma soċjalment attivi: 53 % jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet organizzati, kważi terz huma voluntiera attivi u oħrajn jappoġġjaw kawża permezz ta' attenzjoni tal-midja jew għażla tal-konsumatur. Madankollu, għandhom it-tendenza li jitbiegħdu minn forom tradizzjonali ta' parteċipazzjoni. Iż-żgħażaġh friskju ta' esklużjoni soċjali huma sottorappreżentati b'mod ġenerali. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jeħtieġ li jagħmlu l-parteċipazzjoni realtà għaż-żgħażaġh kollha: biex ikunu trasparenti dwar azzjonijiet favur tagħhom, biex jilhqumhom u jikkomunikaw b'mod aċċessibbli permezz tal-kanali preferiti tagħhom (bħall-midja soċjali) u biex jipromwovu l-involviment tagħhom fid-deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tagħti spinta lill-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh lil hinn mill-2018 fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Diċembru 2016⁹. Il-Kunsill, min-naħa tiegħu, talab biex "iżommu u jtejbu kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-qasam taż-żgħażaġh, wara l-2018."¹⁰

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi Strateġija ġdida tal-UE għaż-Żgħażaġħ biex tkun xhieda tal-impenn konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għal din il-politika b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà. Biex il-politika taż-żgħażaġh tiġi allinjata b'mod aktar effettiv mal-finanzjament tal-UE li jappoġġja l-oġettivi tagħha, l-istrateġija għandha tibqa' għaddejja sa tmiem il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-prijoritajiet tagħha jużaw sorsi solidi ta' data¹¹, evalwazzjoni esterna¹², pożizzjonijiet espressi mill-istituzzjonijiet Ewropej u konsultazzjonijiet imwettqa fl-2017 bħala parti mis-"Sena tas-Smigħ"¹³ u n-"Narrattiva Ġdida għall-Ewropa"¹⁴. Dawn b'mod unanimu jenfasizzaw li l-kooperazzjoni bejn iż-żgħażaġh tal-UE gābet benefiċċji tanġibbli u tindika l-potenzjal tagħha. L-istrateġija l-ġdida se tibni fuq il-kisbiet ta' dik preċedenti, ittejjeb l-aċċessibilità, il-viżibilità u l-impatt tagħha biex tiżgura parteċipazzjoni aħjar taż-żgħażaġh.

Sommarju tal-azzjonijiet ewlenin

- Titjib tal-**kooperazzjoni transsettorjali** fl-oqsma ta' politika, inkluż permezz ta' **Koordinatur taż-Żgħażaġħ tal-UE**, biex tingħata vuċi liż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politiki tal-UE
- **Traċċar** tal-infiq tal-UE fuq iż-żgħażaġh;
- Tnedija ta' sistema ġdida u aktar inklużiva ta' **Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ**, b'fokus fuq iż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet;
- Tneħħija tal-ostakli għal u **ffaċilitar tal-volontarjat u l-mobilità għal raġunijiet ta' solidarjetà**;
- Implimentazzjoni ta' **aġenda tax-xogħol għaż-żgħażaġh** biex jiżdied ir-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali;
- Tissaħħaħ ir-rabta bejn il-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġh u programmi relatati tal-UE (**Erasmus+ u Korp Ewropew ta' Solidarjetà**).

(COM(2017)673).

⁸ Ewrobarometru Flash 455.

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar li Ninvestu fiż-Żgħażaġħ tal-Ewropa (COM(2016)940).

¹⁰ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-perspettivi strateġiċi għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh wara l-2018, Mejju 2017.

¹¹ Ewrobarometru Flash 455; Eurostat (<http://ec.europa.eu/eurostat/web/youth/data/database>).

¹² SWD(2017) 280 u SWD(2017) 281 dwar l-evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

¹³ Opinjonijiet mill-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll l-eżiti tad-djalogu strutturat, gruppi fokus, konsultazzjonijiet online u konferenza tal-partijiet ikkonċernati. Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament dwar ir-riżultati tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh 2010-2018

¹⁴ http://europa.eu/youth/have-your-say/new-narrative-for-europe_en

2. Involvi ruħek. Ingħaqad mal-oħrajn. Agħti s-setgħa lilek innifsek.

Il-kooperazzjoni bejn iż-żgħażaġ tal-UE għandha tagħmel l-aħjar użu mill-potenzjal tal-politika dwar iż-żgħażaġ. Din tista' tinkoraġġixxi l-parteċi-pazzjoni taż-żgħażaġ fil-ħajja demokratika, f'konformità mal-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Tista' wkoll tappoġġja l-impenn soċjali, kif ukoll attivitajiet ċiviċi u soċjoedukattivi (ħidma fost iż-żgħażaġ) li jagħtu liż-żgħażaġ ħiliet għall-ħajja u jaġixxu bħala pont għas-soċjetà, speċjalment għaż-żgħażaġ żvantaġġati.

Fis-snin li ġejjin, l-istrateġija se tistinka biex:

- Tippermetti liż-żgħażaġ **ifasslu ħajjithom stess, jibnu r-reżiljenza tagħhom** u tagħtihom ħiliet għall-ħajja biex jiffaċċjaw dinja li qed tinbidel;
- Tinkoraġġixxi liż-żgħażaġ isiru **ċittadini attivi, aġenti ta' solidarjetà u bidla pożittiva** għall-komunitajiet madwar l-Ewropa, ispirati mill-valuri tal-UE u identità Ewropea;
- Tgħin biex tiġi evitata **l-esklużjoni soċjali taż-żgħażaġ**;
- Ittejjeb **l-impatt tad-deċiżjonijiet ta' politika fuq iż-żgħażaġ** permezz tad-djalogu u l-indirizzar tal-ħtiġijiet tagħhom fis-setturi kollha.

Għal dan il-għan, il-kooperazzjoni fil-politika dwar iż-żgħażaġ se twettaq attivitajiet aggregati fuq tliet oqsma ta' azzjoni.

INVOLVI RUĦEK: L-inkoraġġiment tal-parteċi-pazzjoni taż-żgħażaġ fil-ħajja demokratika
INGĦAQAD MAL-OĦRAJN: Il-ġabra flimkien taż-żgħażaġ madwar l-UE u lil hinn biex tinkoraġġixxi l-involviment volontarju, il-mobilità għat-tagħlim, is-solidarjetà u l-fehim interkulturali
AGĦTI S-SETGħA LILEK INNIFSEK: L-appoġġ għall-għoti ta' setgħa liż-żgħażaġ permezz tal-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonossiment tal-ħidma fost iż-żgħażaġ

L-istrateġija se tagħti attenzjoni speċjali biex:

Jintlaħqu iż-żgħażaġ kollha: hi għandha taħdem biex ittejjeb il-prospetti taż-żgħażaġ kollha irrispettivament mill-isfond jew l-istatus soċjali tagħhom. L-Erasmus+ Youth huwa mgħammar biex jilħaq lil dawk b'inqas opportunitajiet, li jiffurmaw aktar minn 36 % tal-benefiċjarji tagħha¹⁵. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar azzjoni biex il-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġ u l-programm Erasmus+ ikunu tassew inklużivi.

Livelli transżonali minn globali għal lokali: iż-żgħażaġ huma impenjati li jindirizzaw l-isfidi globali, b'mod partikolari l-għanijiet għal żvilupp sostenibbli. Min-naħa l-oħra, l-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġ jibda fil-livell lokali u jiddependi fuq is-sitwazzjoni diversa taż-żgħażaġ. Il-kooperazzjoni tal-UE bejn iż-żgħażaġ għandha tingħaqad aħjar ma dawk li jfasslu l-politika u l-prattikanti fil-livell reġjonali u lokali u tinkoraġġixxi l-inizjattivi lokali miż-żgħażaġ.

... u d-dinja virtwali: it-teknoloġiji diġitali rrevoluzzjonaw il-ħajja taż-żgħażaġ f'ħafna modi u l-politiki għandhom jikkunsidraw kemm l-opportunitajiet kif ukoll l-isfidi, billi jisfruttaw il-potenzjal tal-midja soċjali, jagħtu liż-żgħażaġ il-ħiliet diġitali u jinkoraġġixxu l-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku.

¹⁵ Rapport Annwali tal-Erasmus+ 2016.



2.1. INVOLVI RUĦEK

Fil-isfond tar-riflessjonijiet dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, issa huwa ż-żmien li **nisimgħu liż-żghażaġh u nagħtuhom is-setgħa** biex jagħmlu l-ħolm tagħhom realtà.

Ħafna jixtiequ jkunu involuti fil-ħajja politika, iżda jistennew li l-opinjoni tagħhom tkun tgħodd. Ħafna drabi daww l-inqas involuti minn gruppi ta' età akbar fil-votazzjoni jew partiti politiċi, jiddikjaraw interess fil-politika u huma l-aktar li għandhom sentimenti pożittivi lejn l-UE. Is-sens li wieħed ikun ċittadin tal-UE huwa aktar b'saħħtu fost in-nies imwielda wara l-1980 (73 %) minn daww imwielda qabel l-1946 (54 %)¹⁶. Kif enfazzat fir-Rapport tal-UE dwar iċ-Ċittadinanza tal-2017¹⁷, l-involviment taż-żghażaġh huwa kruċjali fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.

Il-politika tal-UE dwar iż-żghażaġh illum tinvolvi ruħha maż-żghażaġh permezz tad-Djalogu Strutturat¹⁸ li laħaq aktar minn 200,000 minnhom sa mill-2010. Filwaqt li dan sar għodda influwenti, il-Kummissjoni tipproponi li jsir pass 'il quddiem u jiġġedded. Filwaqt li jibni wkoll fuq it-tagħlimiet meħuda min-"Narrattiva Ġdida għall-Ewropa", dan għandu **jkabbar il-firxa tiegħu** lil hinn mill-organizzazzjonijiet taż-żghażaġh attivi f'materji tal-UE u jħaddan udjenza aktar varjata, inkluż fil-livell lokali. Għandu jimmira aħjar lejn gruppi żvantaġġati, pereżempju billi jibni fuq l-inklużjoni u l-istrateġija tad-diversità¹⁹ skont l-Erasmus+, filwaqt li jiġi sfruttat ukoll l-għarfien espert ta' esperti u riċerkaturi żghażaġh. Minbarra l-konferenzi u l-laqqhat apprezzati tal-UE taż-Żgħażaġħ, id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ se **jħaddan forum ġodda u alternattivi ta' parteċipazzjoni, inklużi kampanji online**, konsultazzjonijiet permezz ta' pjattaformi diġitali konnessi mal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ. Id-djalogu se jkun ikkoordinat fil-livell tal-UE, immexxi minn żghażaġh fil-livelli kollha u appoġġjat minn Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali b'arranġamenti mtejba ta' monitoraġġ. Għandu jkun **trasparenti u viżibbli** f'termini ta' impatt. Sabiex iż-żghażaġh ikunu jistgħu jiffurmaw l-opinjoni tagħhom ibbażati fuq fatti u argumenti, l-aċċess għal informazzjoni ta' kwalità huwa essenzjali.

Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE se tiffoka fuq:

- **It-tnedija ta' Djalogu ġdid tal-UE taż-Żgħażaġħ** biex diversi ilħna taż-żghażaġh jikkontribwixxu għal deċiżjonijiet ta' politika tal-UE;
- **Il-konsolidazzjoni tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ** bħala punt ta' dħul uniku diġitali għaż-żghażaġh biex jinvolvu ruħhom mal-UE;
- **Iż-żieda fil-parteeċipazzjoni taż-żghażaġh** fil-ħajja demokratika inkluż l-aċċess għal informazzjoni ta' kwalità validata minn sorsi ta' fiduċja, u l-promozzjoni tal-parteeċipazzjoni fl-**Elezzjonijiet Ewropej u elezzjonijiet oħrajn**;
- **L-appoġġ ta' "tagħlim għall-parteeċipazzjoni"** u ż-żieda tal-interess f'azzjonijiet parteċipattivi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha permezz tal-**Erasmus+**.

L-Istati Membri huma mħeġġa jiffukaw fuq:

- **Il-promozzjoni tad-djalogu u l-mekkaniżmi parteċipattivi fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet**, pereżempju permezz tal-kunsilli taż-żghażaġh, b'attenzjoni speċjali għall-mekkaniżmi ta' feedback u li jintlaħqu żghażaġh b'sfondi differenti. Dan jista'

¹⁶ Ewrobarometru Standard 86, 2016.

¹⁷ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-118_en.htm

¹⁸ Id-djalogu strutturat huwa l-proċess konsultattiv għaż-żghażaġh skont l-istrateġija għall-2010-2018.

¹⁹ http://ec.europa.eu/assets/eac/youth/library/reports/inclusion-diversity-strategy_en.pdf

jinkludi appoġġ lill-awtoritajiet pubbliċi biex jieħdu prattiki parteċipattivi, pereżempju permezz ta' sett ta' għodod;

- **L-inkoraġġiment għall-involviment soċjali u ċiviku taż-żgħażaġh** inkluża l-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh jew attiviżmu online;
- **L-għajnuna biex iż-żgħażaġh jitħejjew għall-parteċipazzjoni**, permezz ta' ħidma fost iż-żgħażaġh, parlamenti taż-żgħażaġh jew simulazzjonijiet, azzjonijiet marbuta mal-edukazzjoni ċivika u l-litteriżmu medjatiku f'sinerġija mal-edukazzjoni formali u l-awtoritajiet pubbliċi;
- L-esplorazzjoni ta' forom innovattivi u alternattivi **ta' parteċipazzjoni demokratika**;
- **L-użu ta' għodod għall-promozzjoni tad-dibattitu** dwar l-UE, bħas-sett ta' għodod żviluppat skont in-"Narrattiva Ġdida għall-Ewropa".



2.2. INGĦAQAD MAL-OĦRAJN

L-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ se ssostni **opportunitajiet** għaż-żgħażaġh biex jesperjenzaw l-iskambji, il-kooperazzjoni u l-azzjoni ċivika f'kuntest Ewropew b'mod prattiku.

L-Erasmus+, wieħed mill-aktar strumenti ta' suċċess tal-UE, jgħin liż-żgħażaġh jespandu l-orizzonti tagħhom u jibnu pontijiet madwar il-kontinent u lil hinn. Mill-2014 sal-2020, aktar minn 500,000 parteċipant se jkunu kisbu esperjenza u ħiliet barra l-pajjiż permezz ta' skambji taż-żgħażaġh u volontarjat. L-Iskambji Virtwali Erasmus+²⁰ jippermettu djalogu bejn iż-żgħażaġh fl-UE u fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran. Dawn l-esperjenzi jtejbju l-impjegabilità u jgħinu fl-iżvilupp ta' fehim tal-valuri Ewropej u t-tolleranza²¹. L-UE għandha **tespandi modi innovattivi biex iż-żgħażaġh jitlaqqgħu flimkien**, filwaqt li tikkapitalizza fuq formati ttestjati tajjeb bħall-iskambji taż-żgħażaġh u l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.

Iż-żgħażaġh qegħdin dejjem aktar jinvolvu ruħhom fil-volontarjat²², iżda 8 % biss jagħmlu dan barra l-pajjiż. L-UE ilha tappoġġja l-volontarjat għal aktar minn 20 sena. Issa huwa propost li dan l-appoġġ jiġi estiż biex joffri opportunitajiet ġodda għaż-żgħażaġh biex jesprimu solidarjetà (bħal impjegi jew apprendistati) taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Sabiex jirrealizzaw il-**potenzjal sħiħ** tiegħu u jiżguraw li l-iskemi nazzjonali jippermettu esperjenzi transkonfinali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fuq ambjent ta' politika, legali u amministrattiv ta' appoġġ.

²⁰ <https://europa.eu/youth/erasmusvirtual>

²¹ http://www.researchyouth.net/documents/ray_policybrief_2014.pdf

²² 31 % taż-żgħażaġh hađu sehem f'attivitajiet ta' volontarjat f'dawn l-aħħar 12-il xahar (żieda ta' 6 punti mill-2014, Ewrobarometru 455).

Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE se tiffoka fuq:

- **L-għaqda taż-żghażaġh madwar l-Ewropa u lil hinn**, b'kont meħud tal-esperjenza minn "**Żgħażaġħ Ewropej flimkien**"²³, filwaqt li jibnew networks ta' żghażaġh minn partijiet differenti tal-Ewropa, l-Erasmus+ **Skambji Virtwali** u azzjonijiet oħra skont l-Erasmus+ Żgħażaġħ;
- **Sostenn għall-implimentazzjoni tal-Korpi Ewropej tas-Solidarjetà** permezz ta' kooperazzjoni politika u tiswir tal-komunità, b' mod partikolari permezz ta' **aġġornament u twessigħ tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2008 dwar il-mobilità tal-voluntiera bejn Stat Membru u ieħor**, u t-tkomplija tat-tiswih tal-potenzjal tal-Portal tal-Korpi Ewropej tas-Solidarjetà fl-ilħuq taż-żghażaġh u l-ghajjuna fit-tiswir ta' komunità;
- **Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fil-mobilità għat-tagħlim u solidarjetà transkonfinali** skont l-Erasmus+ u l- **Korp Ewropew ta' Solidarjetà** b'enfasi fuq dawk b'inqas opportunitajiet.

L-Istati Membri huma mħeġġa jiffukaw fuq:

- **L-inkoraġġiment tal-involviment taż-żghażaġh fis-solidarjetà**: Il-promozzjoni ta' skemi ta' appoġġ u bini ta' kapaċitajiet ta' organizzazzjonijiet attivi f'dan il-qasam, iż-żieda ta' għarfien dwar opportunitajiet u l-provvista ta' informazzjoni dwar drittijiet u benefiċċji meta jsir il-volontarjat jew f'servizz ċiviku. Meta jiżviluppaw skemi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom ifittxu komplementarjetà u sinerġiji mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- **Ir-reviżjoni u t-tneħħija ta' ostakli legali u amministrattivi għas-solidarjetà transkonfinali**: L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jimpenjaw ruħhom li jneħħu l-ostakli għaż-żghażaġh li huma lesti li jidħlu għal volontarjat transkonfinali (f'termini ta' benefiċċji soċjali, assigurazzjoni tas-saħħa, eċċ.);
- **Il-promozzjoni tar-rikonoxximent tal-esperjenzi tal-volontarjat u l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim**: il-ħiliet li l-voluntiera jiżviluppaw jistħoqqilhom li jiġu rikonoxxuti fis-suq tax-xogħol, minbarra l-valur intrinsiku li l-volontarjat jagħti lis-soċjetà.



2.3. AGĦTI S-SETGĦA LILEK INNIFSEK

Il-ħidma fost iż-żghażaġh iġġib benefiċċji uniċi għaż-żghażaġh fit-tranżizzjoni tagħhom lejn l-istat ta' adulti²⁴, billi tipprovi ambjent sikur għalihom biex jiksbu kunfidenza fihom infushom, u jitgħallmu b' mod mhux formali. Il-ħidma fost iż-żghażaġh hija magħrufa li tagħti liż-żghażaġh kompetenzi u ħiliet ewlenin bħall-ħidma f'tim, it-tmexxija, kompetenzi interkulturali, il-ġestjoni tal-proġett, is-soluzzjoni tal-problemi u l-ħsieb kritiku. F'xi każijiet, il-ħidma fost iż-żghażaġh hija l-pont fl-edukazzjoni, it-taħriġ jew ix-xogħol, u b'hekk tiġi evitata l-esklużjoni.

Sabiex jinkisbu dawn il-benefiċċji, hemm **ħtieġa akbar għar-rikonoxximent** ta' tagħlim mhux formali permezz tal-ħidma fost iż-żghażaġh, speċjalment li tkun ta' benefiċċju għal dawk bi ffit

²³ https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/european-youth-together-eacea162018_en

²⁴ Grupp ta' esperti dwar il-"kontribuzzjoni tal-ħidma fost iż-żghażaġh u t-tagħlim mhux formali u informali biex tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw iż-żghażaġh, b' mod partikolari t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieġ". http://ec.europa.eu/assets/eac/youth/library/reports/contribution-youth-work-summary_en.pdf

kwalifiki formali, bħala mod kif jitjiebu l-impjegabilita u l-ħiliet intraprenditorjali. Ir-rikonoxximent jista' jitjeb b'użu aktar sistematiku **ta' għodod ta' kwalita**.

Il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, min-naħa l-oħra, jeħtieġu li jadattaw għall-ħtiġijiet u d-drawwiet li qed jinbidlu taż-żgħażagħ u **l-bidla teknoloġika**. Il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ iridu jaggnaw il-ħiliet tagħhom biex jifhmu l-kwistjonijiet li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ online u jisfruttaw opportunitajiet ġodda offruti mit-tagħlim diġitali, b'konformita mal-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Cittadini²⁵ u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali²⁶. Il-ħidma fost iż-żgħażagħ sofriet tnaqqis fil-fondi f'bosta partijiet tal-Ewropa²⁷, għalhekk investiment bħal dan ħafna drabi jkun ta' sfida.

Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE se tiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' Aġenda ta' Ħidma fost iż-Żgħażagħ għall-kwalita, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażagħ:

- L-iżvilupp u t-tixrid ta' sett ta' għodod prattiċi għal ħidma fost iż-żgħażagħ ta' kwalita;
- L-appoġġ għall-attivitajiet lokali li jindirizzaw **ir-rikonoxximent, l-innovazzjoni u t-tiswir tal-kapaċita tal- ħidma fost iż-żgħażagħ** skont Erasmus+;
- L-appoġġ għal tagħlim reċiproku u bini ta' evidenza fuq il-**ħidma diġitali fost iż-żgħażagħ, il-ħiliet tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-finanzjament** tal-ħidma fost iż-żgħażagħ.

L-Istati Membri huma mħeġġa jiffukaw fuq:

- **L-iżvilupp tal-kwalita:** l-għodod u s-sistemi ta' kwalita li għandhom jintużaw fit-taħriġ tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ għandhom jikkorrispondu għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu tal-ħajja taż-żgħażagħ u jkunu integrati f'approċċ ta' kwalita usa' biex tingħata s-setgħa lill-organizzazzjonijiet.
- **L-adattament għall-opportunitajiet diġitali:** l-istruttura, il-metodi u l-mezzi ta' komunikazzjoni tal-ħidma fost iż-żgħażagħ għandhom jadattaw għad-dinja diġitali: għandhom jintużaw prattiċi teknoloġiċi u pedagoġiċi biex jiżdied l-aċċess u jgħinu liż-żgħażagħ jiffaċċjaw il-mezzi diġitali. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażagħ għandha tkun inkorporata fit-taħriġ tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u - fejn jeżistu - fl-istandards okkupazzjonali u ta' kompetenza tal-ħidma fost iż-żgħażagħ.
- **Il-promozzjoni tar-rikonoxximent:** sabiex jissaħħaħ il-valur tal-ħidma fost iż-żgħażagħ għal dawk iż-żgħażagħ involuti fiha, għandhom jiġu żviluppati għodod ta' rikonoxximent xierqa u aċċettati f'konformita mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali u l-aġenda dwar l-iżvilupp tal-hiliet²⁸.
- **Li jitlaħqu ż-żgħażagħ kollha, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet:** il-ħidma fost iż-żgħażagħ għandha potenzjal uniku biex tilħaq lil dawk l-aktar vulnerabli u tindirizza l-bżonnijiet individwali tagħhom.

²⁵ Magħruf ukoll bħala DigComp

²⁶ COM(2018) 22 final.

²⁷ Studju "Naħdmu maż-żgħażagħ: il-valur tal-ħidma fost iż-żgħażagħ fl-UE", ICF-GHK, 2014, Kummissjoni Ewropea.

²⁸ "Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali 2020" (2015/C 417/04), Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa, COM(2016) 381.

3. Implimentazzjoni effettiva, iffukata u magħquda bejn is-setturi

3.1. Il-ħidma fis-setturi kollha

Is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fl-Ewropa hija varjata u milquta minn sfidi li għandhom jiġu indirizzati foqasma ta' politika differenti. Minkejja x-xejriet pożittivi bħal aktar parteċipazzjoni fl-edukazzjoni oġhla, waqa' fl-abbandun bikjri tal-iskola u t-tnaqqis fir-rati (għalkemm għadhom għoljin) tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa²⁹, għad baqa' sfidi kbar li ħafna drabi huma minsuġa f'xulxin. Fost dawn hemm rati għoljin ħafna ta' qgħad fost iż-żgħażaġh f'ċerti Stati Membri, reġjuni u gruppi, faqar fost iż-żgħażaġh li kulma jmur qed jikber, impjieg prekarju, inugwaljanza fl-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità jew kwistjonijiet ta' saħħa.

F'dan il-kuntest, l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u r-rati għoljin ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) kien prijorità tal-UE, appoġġjat minn inizjattivi speċifiċi: aktar minn 3.5 miljun żagħżuġ ibbenefikaw kull sena mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ immedija fl-2013. Il-Fond Soċjali Ewropew u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ flimkien jinvestu EUR 14,5 biljun direttament f'miżuri ta' impjieg għaż-żgħażaġh mill-2014 sal-2020. Minkejja l-progress li sar, l-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u r-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri enfasizzaw il-bżonn li jinbnew pontijiet bejn is-setturi tal-impjegi u taż-żgħażaġh u li n-NEETs li qed jiffaċċjaw bosta xkiel jinlaħqu b'mod aktar effettiv. Barra minn hekk, Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi³⁰ u l-Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tal-tfal fil-migrazzjoni³¹ għarfu l-importanza tal-appoġġ ta' l-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati żgħażaġh.

Mhux it-tmien oqsma ta' azzjoni kollha³² taw riżultati simili pożittivi; skont l-evalwazzjoni kienu wiesgħa wisq. L-ebda Stat Membru ma indirizza dawn l-oqsma kollha, billi ġeneralment ma kellhomx l-istess rilevanza.

Sabiex tizzied l-effettività, il-Kummissjoni tipproponi approċċ doppju:

1) Tissaħħaħ il-perspettiva taż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politika fil-livell tal-UE, billi:

- **L-iżgurar li t-tħassib taż-żgħażaġh jinstema' mill-fassala tal-politika tal-UE**, speċjalment permezz ta' **Koordinatur tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ** li jkun kuntatt għall-Kummissjoni Ewropea u punt ta' referenza viżibbli għaż-żgħażaġh. Il-missjoni ta' Koordinatur tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ għandha tkun li jipprovi pariri fuq il-politika dwar iż-żgħażaġh lill-Kummissarju responsabbli; biex jgħin li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-koerenza, u titqajjem kuxjenza dwar l-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE kif ukoll mal-Istati Membri; u li l-eżiti tad-Djalogu taż-Żgħażaġħ tal-UE jiġu kondiviżi u jingħata feedback liż-żgħażaġh, inkluż permezz tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ u l-Pjattaform tal-Istrateġija dwar iż-Żgħażaġħ tal-UE³³;

²⁹ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal akkumpanjanti dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fl-UE.

³⁰ COM(2016) 377

³¹ COM(2017) 211 final

³² Edukazzjoni u taħriġ, Impjegi u intraprenditorija, Parteċipazzjoni fis-saħħa u l-benesseri, Attivitajiet volontarji, Inklużjoni soċjali, Iż-żgħażaġh u d-dinja, Kreattività u kultura.

³³ Il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ ikun konsulent li jaħdem fis-servizzi, b'apoġġ mid-Direttorat Ġenerali responsabbli mill-politika dwar iż-żgħażaġh. Il-kompiti tal-Koordinatur jinkludu, min-naħa tal-Kummissjoni, id-Djalogu tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ il-ġdid, l-ipproċessar tal-fehmiet taż-żgħażaġh u r-riżultati tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ li jaqsamhom mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni filwaqt li jirrelata mal-Parlament Ewropew u ma' dawk li jfasslu l-politika nazzjonali. Il-Koordinatur jista' jservi wkoll bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għaż-żgħażaġh u r-rappreżentanti tagħhom u jiggwida l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni diretti lejn iż-żgħażaġh, b'kooperazzjoni ma' partijiet rilevanti oħra tal-Kummissjoni.

- Titjeb it-**trasparenza dwar l-azzjoni tal-UE** għaż-żgħażaġh, inkluż it-traċċar tal-infiq tal-UE fuq iż-żgħażaġh³⁴;
- Jiġu promossi **mudelli parteċipattivi tat-tfassil ta' politika** li jinvolvu liż-żgħażaġh, bħal **Laboratorji tal-Politiki dwar iż-Żgħażaġħ**³⁵;
- **Jiġu appoġġjati l-Istati Membri fl-iżvilupp tal-politiki dwar iż-żgħażaġh**, permezz ta' ġbir ta' evidenza, tagħlim reċiproku u kondiviżjoni ta' Prattiki tajbin, inklużi għodod ġodda bħalma huma evalwazzjonijiet bejn il-pari u konsulenza bejn il-pari;
- Issir kontribuzzjoni permezz ta' strumenti ta' kooperazzjoni taż-żgħażaġh bħal tagħlim reċiproku, evidenza, il-Koordinatur jew id-Djalogu, għal **inizjattivi transsettorjali** għaż-żgħażaġh, bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, in-Netwerk Ewropew tal-Apprendisti³⁶ u s-sejħa Tartu għal Stil ta' Ħajja b'Saħħitha³⁷.

2) Tiġi ffukata aħjar l-enfasi tal-istrateġija: il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jikkonċentraw fuq azzjonijiet immirati li jsarrfu l-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest nazzjonali, li għandhom jiġu identifikati fil-**Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali**.

Dawn il-pjanijiet għandhom ifittxu kooperazzjoni transsettorjali bejn iż-żgħażaġh u oqsma ta' politika oħrajn, filwaqt li jibnu fuq mekkaniżmi eżistenti ta' governanza, pereżempju bħala parti mir-realizzazzjoni tal-iskema nazzjonali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

Għandhom jiżguraw konnessjonijiet qawwija bejn **attivitajiet ta' kooperazzjoni transnazzjonali**³⁸ ta' Aġenziji Nazzjonali li jimplementaw il-programm Erasmus+ u l-oqsma identifikati fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali biex titjeb il-koerenza bejn l-implimentazzjoni tal-politika u l-programm.

Il-kooperazzjoni transsettorjali għandha tissaħħaħ **fil-livelli kollha ta' sinerġiji ta' tiftix tat-teħid ta' deċiżjonijiet**, komplementarjetà bejn l-azzjonijiet, u inkluż involviment ikbar taż-żgħażaġh. L-Istati Membri għandhom iħeġġu liż-żgħażaġh u lil partijiet ikkonċernati oħra biex jistabbilixxu inizjattivi konġunti, pereżempju fil-kooperazzjoni edukattiva, fl-impjiegi, diġitali, sportiva, ta' sostenibbiltà u internazzjonali, billi jużaw il-potenzjal sħiħ tal-fondi tal-UE.

Matul is-"Sena tas-Smiġh 2017", il-partijiet ikkonċernati ressqu l-isfidi li ġejjin li jistgħu jservu bħala oqsma għall-azzjonijiet ta' integrazzjoni: edukazzjoni - taħriġ; impjieg - intraprenditorija; saħħa, inkluża s-saħħa mentali; faqar - esklużjoni soċjali; integrazzjoni taż-żgħażaġh bi sfond ta' migrazzjoni³⁹; internet - litteriżmu medjatiċu; sostenibbiltà - tibdil fil-klima.

³⁴ Dan ikun jikkonċerna finanzjament li jimmira lejn l-individwi, billi jintużaw ukoll stimi sabiex jiġi evitat li jinħoloq piż amministrattiv żejjed f'termini ta' rappurtar u ġbir ta' data notevolment għal programmi bħal dak li bħalissa jissejjaħ Erasmus+; Il-Korp Ewropej ta' Solidarjetà; Il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali; Orizzont 2020; Ewropa Kreattiva; Ewropa għaċ-Ċittadini; Il-Programm għad-Drittijiet, għall-Ugwaljanza u għaċ-Ċittadinanza; Il-Programm tas-Saħħa tal-UE; Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ (COSME); L-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ; Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej; L-Iskema tal-Bdiewa Żgħażaġħ (Politika Agrikola Komuni); Il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE; L-Istrument Ewropew ta' Viċinat.

³⁵ L-ewwel Laboratorju tal-Politiki dwar iż-Żgħażaġħ seħħ fl-2017 bi tliet pajjiżi tal-viċinat: <https://blogs.ec.europa.eu/eupolicylab/>

³⁶ <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1147>

³⁷ https://ec.europa.eu/sport/news/20170922-ewos-navracsics-health-call-tartu_fr

³⁸ Attivitajiet organizzati mill-Aġenziji Nazzjonali Erasmus+.

³⁹ Żgħażaġħ li twieldu barra mill-pajjiż u nattivi b'għenitru imwieled barra mill-pajjiż kienu jirrappreżentaw 20 % ta' dawk li għandhom bejn il-15 u d-29 sena fl-UE fl-2014, u dan is-sehem huwa previst li jizjed malajr minħabba flussi ta' migranti mill-bidu tas-sena 2000.

3.2. Governanza ta' livelli differenti u parteċipatorja

Il-governanza se titjeb permezz ta':

Tfassil u monitoraġġ ta' politika bbażati fuq l-evidenza: Implimentazzjoni effettiva li tistrieħ fuq evidenza qawwija. It-**Tabella tal-indikaturi taż-żgħażaġh** saret għodda apprezzata biex timmonitorja x-xejriet fis-sitwazzjoni taż-żgħażaġh. Il-kooperazzjoni tal-UE għandha barra minn hekk tesplora l-użu ta' **indikaturi tal-politika** biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-istrategija⁴⁰. Se ssir reviżjoni tal-politika tal-proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE fl-2019 biex jiġu estratti s-sejbiet rilevanti għal dan il-qasam.

Fokus u flessibilità: L-istrateġija se tiffoka fuq prijoritajiet komuni taż-żgħażaġh tal-UE madwar l-Istati Membri, filwaqt li tippermetti flessibilità fit-twertiq ta' azzjonijiet ta' integrazzjoni biex tadatta l-prijoritajiet tal-UE għaċ-ċirkostanzi nazzjonali. Il-Kunsill huwa mistenni li jistabbilixxi **Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE** triennali mal-Kummissjoni.

Governanza parteċipattiva: **Pjattaforma** ġdida se tagħti sehem akbar lill-partijiet ikkonċernati fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija, billi toffri opportunitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet u r-riżultati. Il-Kummissjoni se torganizza laqgħat iddedikati għal rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet tal-UE, u msieħba soċjali.

Rappurtar u evalwazzjoni simplifikati: Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni kull tliet snin, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Youth Wiki⁴¹ u l-indikaturi. Dan se jinkludi informazzjoni dwar l-użu tal-programmi tal-UE biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika. Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni interim fl-2023, u possibbilment reviżjoni fl-2024. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu l-istess.

Tagħlim reċiproku u tixrid: Il-gruppi ta' esperti se jkomplu jiżviluppaw gwida politika, għodod prattiċi u jaqsmu prattiki tajbin; l-istrateġija se toffri għodod ġodda għat-tagħlim reċiproku, bħall-analiżi bejn il-pari u konsulenza bejn il-pari. Din se ssegwi approċċ aktar sistematiku għall-informazzjoni taż-żgħażaġh ta' kwalità, sensibilizzazzjoni u tixrid, billi tibni fuq in-netwerks eżistenti tagħha.

Il-mobilizzazzjoni tal-programmi u l-fondi tal-UE: L-istrateġija se tippromwovi l-użu effettiv tal-programmi u l-fondi tal-UE, bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, l-Orizzont 2020, inklużi l-Azzjonijiet Marie Curie, l-Ewropa Kreattiva u s-suċċessuri tagħhom. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jesploraw is-sinerġiji bejn is-sorsi ta' finanzjament fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali.

Konklużjonijiet u passi li jmiss

Iż-żgħażaġh għandhom ambizzjonijiet leġittimi għall-ġejjieni tagħhom fl-Ewropa. Min-naħa tagħha, l-Ewropa teħtieġ toffrilhom opportunitajiet ta' ħajja aħjar u taġixxi fuq it-tħassib tagħhom.

L-istrateġija se toħloq rabta aktar b'saħħitha bejn l-UE u ż-żgħażaġh permezz ta' modi inklużivi u diġitali ta' djalogu, iġġib riżultati effettivi permezz ta' prijoritajiet u azzjonijiet iffukati, u tipprovdi struttura aktar effettiva biex tiġbor u tittrażmetti l-ideat taż-żgħażaġh u taqşam informazzjoni dwar l-azzjonijiet meħuda favur tagħhom.

Dan kollu se jkun appoġġjat minn rabtiet aktar b'saħħithom mal-fondi tal-UE. L-Istrateġija taż-Żgħażaġħ se tftitex ukoll aktar sjieda mill-partijiet ikkonċernati permezz ta' aktar involviment taż-żgħażaġh u pjattaformi ġodda fil-livell tal-UE u lil hinn. L-istabbiliment flessibbli tal-prijoritajiet

⁴⁰ Il-proposta hija inkluża fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament dwar ir-riżultati tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni.

⁴¹ <https://eacea.ec.europa.eu/national-policies/en/youthwiki>

u l-implimentazzjoni fil-livell tal-UE jagħmluha aktar rilevanti għar-realtajiet lokali, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi ta' kull livell ta' governanza u bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex japprova l-Istrateġija tal-UE taż-Żgħażaġħ għall-2019-2027, filwaqt li jibni wkoll fuq l-Għanijiet dwar iż-Żgħażaġh⁴² proposti matul il-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'April 2018.

Il-Kunsill huwa mistieden ukoll jadotta Pjan ta' Ħidma għall-2019-2021, filwaqt li jqis il-miżuri proposti f'din il-Komunikazzjoni u elaborati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar ir-riżultati tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni.

⁴² <http://www.youthgoals.eu/>